Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,386, 4 ta' Frar, 2025

Taqsima B

A.L. 25 tal-2025

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa ir-"regolamenti prinċipali". L.S. 65.19.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/846 tal-14 ta' Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tifsira "Direttiva 2006/22/KE" tagħha għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2006/22/KE" tfisser id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u tad-Direttiva 2002/15/KE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali relatata ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2024/846/KE"; u

(ii) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 92/106/EEC" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

B 240

" "Direttiva (UE) 2024/846" tfisser id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/846 tal-14 ta' Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq;".

Jissostitwixxi t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**IT-TMIEN SKEDA**
(Regolament 84)

Linji gwida fuq firxa komuni ta' infrazzjonijiet kontra r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill datata 15 ta' Marzu, 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali marbuta mat-trasport stradali u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni fit-trasport stradali, kif emendat, maqsuma f'kategoriji skont il-gravità tagħhom.

1. Gruppi ta' ksur tar-Regolament Nru 561/2006:

Nru	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		GRAD TA' GRAVITÀ			
				KAG	KGĦ	KG	KM
A	**Ekwipaġġ**						
A1	Artikolu 5.1	Ma jitħarsux l-etajiet minimi tax-xufiera				X	
B	**Perjodi ta' sewqan**						
B1	Artikolu 6.1	Jeċċedu 9 sigħat ta' sewqan kuljum meta mhux permessa l-possibbiltà tal-estensjoni għal limitu ta' 10 sigħat	9h < … < 10h				X
B2			10h ≤ … < 11h			X	
B3			11h ≤ …		X		
B4		Jeċċedu l-ħin ta' sewqan ta' 9 sigħat kuljum b'50% jew aktar	13h30 ≤ …	X			
B5		Jeċċedu l-ħin estiż ta' sewqan kuljum ta' 10 sigħat jekk l-estensjoni hija permessa	10h < … < 11h				X
B6			11h ≤ … < 12h			X	
B7			12h ≤ …		X		
B8		Jeċċedu l-ħin ta' sewqan ta' 10 sigħat ta' sewqan kuljum b'50 % jew aktar	15h ≤ …	X			

B9	Artikolu 6.2	Jeċċedu l-ħin ta' sewqan fil-ġimgħa	56h < … < 60h				X
B10			60h ≤ … < 65h			X	
B11			65h ≤ … < 70h		X		
B12		Jeċċedu l-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa b'25% jew aktar	70h ≤ …	X			
B13	Artikolu 6.3	Jeċċedu l-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimagħtejn (2) konsekuttivi	90h < … < 100h				X
B14			100h ≤ … < 105h			X	
B15			105h ≤ … < 112h30		X		
B16		Jeċċedu l-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimagħtejn (2) konsekuttivi b'25% jew aktar	112h30 ≤ …	X			
Ċ	**Waqfa**						
Ċ1	Artikolu 7	Jeċċedu l-ħin ta' sewqan mhux interrott ta' 4.5 sigħat qabel il-waqfa	4h30 < … < 5h				X
Ċ2			5h ≤ … < 6h			X	
Ċ3			6h ≤ …		X		
D	**Perjodi ta' mistrieħ**						
D1	Artikolu 8.2	Perjodu mhux suffiċjenti ta' mistrieħ kuljum ta' inqas minn 11-il siegħa jekk mhux permess perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum	10h ≤ … < 11h				X
D2			8h30 ≤ … < 10h			X	
D3			… < 8h30		X		
D4		Perjodu mnaqqas mhux suffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 9 sigħat jekk it-tnaqqis huwa permess	8h ≤ … < 9h				X
D5			7h ≤ … < 8h			X	
D6			… < 7h		X		
D7		Perjodu maqsum mhux suffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 3 sigħat + 9 sigħat	3h + [8h ≤ … < 9h]				X
D8			3h + [7h ≤ … < 8h]			X	
D9			3h + […< 7h]		X		

D10	Artikolu 8.5	Perjodu mhux suffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 9 sigħat għal vettura b'aktar minn xufier wieħed	8h ≤ … < 9h				X
D11			7h ≤ … < 8h			X	
D12			… < 7h		X		
D13	Artikolu 8.6	Perjodu mnaqqas mhux suffiċjenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' inqas minn 24 siegħa	22h ≤ … < 24h				X
D14			20h ≤ … < 22h			X	
D15			… < 20h		X		
D16		Perjodu mhux suffiċjenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' inqas minn 45 siegħa jekk mhux permess perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa	42h ≤ … < 45h				X
D17			36h ≤ … < 42h			X	
D18			… < 36h		X		
D19	Artikolu 8.6	Jeċċedi 6 perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa	… < 3h				X
D20			3h ≤ … < 12h			X	
D21			12h ≤ …		X		
D22	Artikolu 8.6b	L-ebda kumpens għal żewġ (2) perjodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ fil-ġimgħa			X		
D23	Artikolu 8.8	Perjodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew kwalunkwe perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħud f'vettura			X		
D24	Artikolu 8.8	Il-prinċipal ma jkopri l-ebda spiża għall-akkomodazzjoni barra mill-vettura				X	
E	**Deroga mir-regola ta' 12-il jum**						
E1	Artikolu 8.6a.	Jeċċedu 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa wara perjodu preċedenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa	… < 3h				X
E2			3h ≤ … < 12h			X	
E3			12h ≤ …		X		
E4	Artikolu 8.6a. (b)(ii)	Perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa meħud wara 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa	67h <…<69h				X
E5			65h < … ≤ 67h			X	
E6			… ≤ 65h		X		

E7	Artikolu 8.6a. (d)	Perjodu ta' sewqan, bejn l-22.00 u s-6.00, ta' aktar minn 3 sigħat qabel il-waqfa, jekk il-vettura ma jkollhiex aktar minn xufier wieħed	3h < … < 4.5 h			X	
E8			4.5 h ≤ …		X		
F	**Organizzazzjoni tax-xogħol**						
F1	Artikolu 8.8a	Impriża tat-trasport li ma tkunx qiegħda torganizza x-xogħol tax-xufiera b'tali mod li x-xufiera jkunu jistgħu jirritornaw lejn iċ-ċentru operazzjonali tal-prinċipal, jew jirritornaw lejn il-post ta' residenza tax-xufiera			X		
F2	Artikolu 10.1	Relazzjoni bejn il-paga u, jew ħlas u d-distanza misjuqa, il-veloċità tat-twassil u, jew l-ammont ta' merkanzija trasportata			X		
F3	Artikolu 10.2	L-ebda organizzazzjoni jew l-organizzazzjoni mhux xierqa tax-xogħol tax-xufier, l-ebda struzzjoni jew struzzjonijiet mhux xierqa mogħtija lix-xufier li jippermettulu li jikkonforma mal-liġi			X		
Fit-Tabella ta' hawn fuq, "KAG" tfisser Ksur Aktar Gravi, "KGĦ" tfisser Ksur Gravi Ħafna, "KG" tfisser Ksur Gravi, u "KM" tfisser Ksur Minuri.							

2. Gruppi ta' ksur tar-Regolament (UE) Nru 165/2014:

Nru	**BAŻI LEGALI**	**TIPI TA' KSUR**	**GRAD TA' GRAVITÀ**		
			KAG	**KGĦ**	**KG**
G	**L-installazzjoni ta' takografu**				
G1	Artikoli 3(1), (4), (4a) u 22	Li ma jkollux takografu ta' tip approvat installat u użat	X		
H	**Użu tat-takografu, tal-karta tax-xufier jew tar-record sheet**				
H1	Artikolu 23(1)	L-użu ta' takografu mhux spezzjonat minn workshop approvat		X	

B 244

H2	Artikolu 27	Ix-xufier għandu fil-pussess tiegħu u, jew juża aktar minn karta tax-xufier waħda li hija tiegħu		X	
H3		Sewqan b'karta tax-xufier falsifikata (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tax-xufier*)	X		
H4		Sewqan b'karta tax-xufier li tagħha x-xufier mhuwiex id-detentur (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tax-xufier*)	X		
H5		Sewqan b'karta tax-xufier li ġiet miksuba abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u, jew ta' dokumenti ffalsifikati (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tax-xufier*)	X		
H6	Artikolu 32(1)	It-takografu ma jaħdimx sew *(eż.: it-takografu ma ġiex spezzjonat, ikkalibrat u ssiġillat b'mod tajjeb)*		X	
H7	Artikoli 32(1) u 33(1)	It-takografu ma ntużax kif suppost *(eż.: l-użu ħażin b'mod intenzjonat, volontarju jew impost, nuqqas ta' struzzjonijiet dwar l-użu korrett, eċċ.)*		X	
H8	Artikolu 32(3)	Il-pussess fil-vettura u, jew l-użu ta' apparat frodulenti li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-takografu	X		
H9		Falsifikazzjoni, ħabi, suppressjoni jew qerda tad-data rreġistrata fuq ir-record sheet jew maħżuna u ddawnlowdjata mit-takografu u, jew mill-karta tax-xufier	X		
H10	Artikolu 33(2)	L-impriża ma żżommx record sheets, karti stampati u data ddawnlowdjata		X	
H11		Id-data rreġistrata jew maħżuna mhix disponibbli għal mill-inqas sena		X	
H12	Artikolu 34(1)	Użu skorrett tal-folji ta' reġistrazzjoni u, jew il-karta tax-xufier		X	
H13		Irtirar mhux awtorizzat tar-record sheets jew tal-karta tax-xufier li jħalli impatt fuq ir-reġistrazzjoni tad-data rilevanti		X	
H14		Tintuża record sheet jew karta tax-xufier sabiex tkopri perjodu itwal minn dak li hija intenzjonata għalih u tintilef xi data		X	
H15	Artikolu 34(2)	Jintużaw record sheets jew karti tax-xufiera maħmuġin jew bil-ħsara u d-data mhijiex leġġibbli		X	

H16	Artikolu 34(3)	Ma jsirx dħul manwali meta dan ikun meħtieġ		X	
H17	Artikolu 34(4)	Ma tintużax ir-record sheet korretta jew il-karta tax-xufier tkun fi slott ħażin (aktar minn xufier wieħed)			X
H18	Artikolu 34(5)	Użu skorrett tal-mekkaniżmu tas-swiċċ		X	
I	**Għoti ta' informazzjoni**				
I1	Artikolu 34(5), il-punt (b)(v)	Użu skorrett jew nuqqas ta' użu tas-sinjal tal-lanċa, u jew tal-ferrovija			X
I2	Artikolu 34(6)	Informazzjoni meħtieġa mhux imdaħħla fir-record sheet		X	
I3	Artikolu 34(7)	Rekords ma jurux is-simboli tal-pajjiżi li l-fruntieri tagħhom ikunu nqasmu mix-xufier matul il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum			X
I4	Artikolu 34(7)	Rekords ma jurux is-simboli tal-pajjiżi fejn beda u ntemm il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum tax-xufier			X
I5	Artikolu 36	Rifjut li ssir verifika		X	
I6	Artikolu 36	Preżentazzjoni mhux possibbli tar-rekords manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul it-28 jum preċedenti (sat-30 ta' Diċembru 2024) Preżentazzjoni mhux possibbli tar-rekords manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul is-56 jum preċedenti (sal-31 ta' Diċembru 2024)		X	
I7	Artikolu 36	Preżentazzjoni mhux possibbli tal-karta tax-xufier, meta x-xufier ikollu waħda		X	
J	**Funzjonament ħażin**				
J1	Artikoli 37(1) u 22(1)	Takografu mhux imsewwi minn installatur jew minn workshop pprovat		X	
J2	Artikolu 37(2)	Ix-xufier ma jniżżilx l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dawk il-perjodi ta' ħin li matulhom ma sarux reġistrazzjonijiet meta t-takografu ma jkunx jista' jissewwa jew ikun qed jaħdem ħażin		X	
Fit-Tabella ta' hawn fuq, "KAG" tfisser Ksur Aktar Gravi, "KGĦ" tfisser Ksur Gravi Ħafna u "KG" tfisser Ksur Gravi.".					